2024/883

22.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/883

tal-21 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 fir-rigward tat-tieni spazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara għat-trejlers u l-massa tas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija u li jikkoreġi dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4(7) u 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535 ([2]) jipprevedi regoli dwar proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, u ta' ċerti sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom. F'dak il-kuntest, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 jintroduċi rekwiżit tekniku għat-tieni spazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara għat-trejlers. Madankollu, il-manifatturi jeħtieġu aktar żmien biex jaġġustaw għal dak ir-rekwiżit fir-rigward tal-ispazju, biex jimmuntaw u jwaħħlu t-tieni pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara għall-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 jeħtieġ jiġu modifikati biex jiżguraw li dawk ir-rekwiżiti japplikaw l-ewwel għat-tipi ġodda tal-vetturi. Barra minn hekk, il-vetturi tal-kategorija O_2 jenħtieġ li jiġu eżentati minn dak ir-rekwiżit minħabba r-restrizzjonijiet tad-disinn u n-nuqqas ta' spazju.

(2) Jixraq jiġu previsti regoli għall-immarkar tan-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura (VIN) fuq il-vettura u għall-iżgurar tat-traċċabbiltà tal-vettura permezz tal-VIN.

(3) Jixraq tingħata ċerta flessibbiltà fil-pożizzjonament tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' quddiem sabiex jitqiesu l-limitazzjonijiet tekniċi u tad-disinn possibbli fir-rigward tas-sensuri, ir-radars u l-kameras li għandhom jiġu installati quddiem il-vetturi għas-sistemi tas-sikurezza previsti skont ir-Regolament (UE) 2019/2144.

(4) Huwa meħtieġ li jiġu kkomplementati r-rekwiżiti tekniċi għas-sistemi tal-woxer tal-windscreen biex jiġu kkunsidrati l-każijiet meta s-sistemi bħal dawn ikunu jinkorporaw funzjoni li ttaffi l-pressjonijiet eċċessivi meta ż-żennuni jkunu mblukkati.

(5) Jixraq ukoll li jiġu ottimizzati l-proċeduri tat-test għas-sistemi għat-tneħħija tas-silġ u tat-titpin minn fuq il-windscreen billi tiġi pprovduta sekwenza aktar effiċjenti tal-attivitajiet fil-kamra tat-test u ċerti flessibbiltajiet fl-għażla tal-prodott sgrassanti, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati kundizzjonijiet aħjar tas-saħħa u tax-xogħol għall-persuni li jwettqu t-testijiet.

([1]) ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535 tal-31 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni u s-sikurezza tagħhom (ĠU L 117, 6.4.2021, p. 1).

(6) Jeħtieġ jingħataw regoli għall-kapaċità tal-irmonk tal-vetturi bil-mutur li jitħallew l-art sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jitneħħew b'mod sikur mit-triq meta jiġi ostakolat it-traffiku tat-triq. Barra minn hekk, jeħtieġ jingħataw dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti l-ġodda fir-rigward tal-kapaċità tal-irmonk l-ewwel japplikaw għal tipi ġodda ta' vetturi.

(7) Il-massa addizzjonali tas-sistemi speċifiċi tal-ħżin tal-enerġija applikati fil-vetturi b'emissjonijiet żero tista' twassal biex il-massa ta' referenza ta' tali vetturi tkun ogħla minn dik ta' vetturi konvenzjonali simili. Il-massa ta' referenza eċċessiva jeħtieġ li titqies biex mill-1 ta' Jannar 2025 tippermetti li jiġu kkunsidrati l-vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' vetturi N_1 għall-manifatturi kkonċernati, li altrimenti jkunu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit rekwiżit għall-inklużjoni ta' rekord formali tal-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija fiċ-ċertifikat tal-konformità, li għandu jkun disponibbli bħala parti mid-*data* tal-fmonitoraġġ tas-CO_2.

(8) Wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535, instabu ċerti żbalji fil-forma ta' referenzi skorretti.

(9) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(10) Sabiex il-manifatturi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-adattamenti meħtieġa u jħejju għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-massa tas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija tal-vetturi b'emissjonijiet żero, id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita u allinjata mad-data stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/631.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. B'effett mis-7 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE lit-tipi ġodda tal-vetturi fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u għat-twaħħil tat-tieni pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara għall-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4, li ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness III fir-rigward tar-rekwiżiti rispettivi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'effett mis-7 ta' Lulju 2026, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet marbutin mal-ispazju għall-immuntar u għat-twaħħil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' quddiem u għall-ispazju għall-immuntar u għat-twaħħil tat-tieni pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara għall-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4, ir-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz tal-vetturi, li ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness III fir-rigward tar-rekwiżiti rispettivi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"4a. B'effett mis-7 ta' Lulju 2025, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE lit-tipi ġodda tal-vetturi fir-rigward tal-apparat tal-irmonk, li ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kapaċità tal-irmonk stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness VII fir-rigward tar-rekwiżiti rispettivi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

4b. B'effett mis-7 ta' Lulju 2027, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet marbutin mal-apparat tal-irmonk, ir-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz tal-vetturi, li ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kapaċità tal-irmonk stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness VII fir-rigward tar-rekwiżiti rispettivi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144.";

2. L-Annessi II, III, IV, VI, VII u XIII huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/535 huwa kkoreġut kif ġej:

1. fl-Artikolu 6, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2018/858, tista' tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi li jaqbżu d-dimensjonijiet massimi awtorizzati stabbiliti fil-punt 1.1 tat-Taqsimiet C, D u E tal-Parti 2 tal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament, f'liema każ ir-rimarka 'd-deroga tad-dimensjonijiet massimi awtorizzati' għandha tiġi inkluża fil-punt 52 taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u taċ-ċertifikat tal-konformità.

4. Approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi maħsuba għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli, li d-dimensjonijiet tagħhom jaqbżu d-dimensjonijiet massimi awtorizzati stabbiliti fil-punt 1.1 tat-Taqsimiet C, D U E tal-Parti 2 tal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament, f'liema każ iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u ċ-ċertifikat tal-konformità għandhom jindikaw b'mod ċar li l-vettura hija maħsuba għat-trasport tat-tagħbiji indiviżibbli biss.";

2. L-Annessi II, VIII, XIII, u XIV huma kkoreġuti f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Anness I, il-punt (6), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi II, III, IV, VI, VII u XIII huma emendati kif ġej:

(1) fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II, il-punti li ġejjin jiddaħħlu qabel il-punt 2.1:

"2.0.1. VIN għandu jkun immarkat fuq kull vettura.

2.0.2. Il-VIN għandu jkun uniku u attribwit b'mod inekwivoku lil vettura partikolari.

2.0.3. Il-VIN għandu jkun immarkat fuq ix-xażi jew il-vettura meta l-vettura titlesta mil-linja tal-produzzjoni.

2.0.4. Il-manifattur għandu jiżgura t-traċċabilità tal-vettura permezz ta' VIN għal 30 sena.

2.0.5. L-eżistenza tal-miżuri meħuda mill-manifattur biex jiżgura t-traċċabbiltà tal-vettura imsemmija fil-punt 2.0.4 ma hemmx għalfejn tiġi vverifikata waqt l-approvazzjoni tat-tip.";

(2) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 2.1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1.2. Il-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4 għandhom jiġu attrezzati b'żewġ spazji separati għall-immuntar u għat-twaħħil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara (li jippermettu l-identifikazzjoni fakultattiva ta' vettura tal-irmonk meta meħtieġ minn awtorità nazzjonali).";

(ii) fil-punt 2.3.4.1.3, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Madankollu, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tippermetti tolleranza sa ± 15° meta, għal raġunijiet tekniċi, ajrudinamiċi jew oħrajn, tintalab mill-manifattur għall-fini tal-pożizzjonament tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' quddiem lil hinn mil-linja ċentrali fuq quddiem tal-vettura.";

(b) fil-Parti 3, l-Addendum tat-TAQSIMA II taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, il-punt 2.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.3. It-tieni pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4: *520 × 120/340 × 240* [2]";

(3) fl-Anness IV, il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 2.2.3.1 li ġej:

"2.2.3.1. Meta s-sistema tal-woxer tal-windskrin tkun iddisinjata biex tinkorpora funzjoni li ttaffi l-pressjonijiet eċċessivi meta ż-żennuni jkunu mblukkati (eż. valv għat-tnaqqis tal-pressjoni), tali funzjoni għandha, b'deroga mit-tieni sentenza tal-punt 2.2.3, tkun permessa sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe fluwidu li joħroġ mis-sistema ma jidħol fl-ebda kompartiment tal-vettura, inkluż iż-żona ta' taħt il-bonnet, sakemm ma jiġix kanalizzat jew direzzjonat speċifikament lejn il-wiċċ tal-art, f'kundizzjonijiet ta' waqfien jew ta' sewqan normali;

(b) is-sistema tal-woxer tal-windskrin tkun kapaċi taħdem b'mod normali meta jitneħħa għalkollox l-imblukkar taż-żennuni;

(c) it-tħaddim normali jiġi żgurat mingħajr ma jkun meħtieġ xi intervent ulterjuri min-naħa tal-utent biex jattiva, jaġġusta, jikkonnettja mill-ġdid jew jissostitwixxi manwalment xi parti tas-sistema tal-woxer tal-windskrin, tas-sistema tal-wajper tal-windskrin, tas-sistema elettrika jew ta' xi sistema rilevanti oħra.";

(b) il-Punt 3.2.1.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.1.1. L-iżbokki taż-żennuni kollha għandhom jitwaħħlu fil-post fejn il-fluwidu joħroġ minn dawk l-iżbokki u l-kontroll tal-woxer tal-windskrin għandu jiġi attwat sitt darbiet fil-minuta, kull darba għal mill-inqas tliet sekondi. Madankollu, meta ma jkunx teknikament fattibbli li jitwaħħal ma' fejn joħroġ il-fluwidu, dan jista' jsir ġol-iżbokk(i) taż-żennuna.";

(4) fl-Anness VI, il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 3.1.1.1, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Madankollu, meta jkun possibbli li jiġi vverifikat jekk it-temperatura tal-kamra kiesħa, imkejla f'pożizzjonijiet rappreżentattivi bħall-iżbokk tal-arja jew il-ħitan, tkunx stabbilizzata fit-temperatura tat-test speċifikata, il-perjodu ta' 24 siegħa jista' jitqassar.";

(b) il-punt 3.1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1.2. Qabel ma l-vettura titqiegħed fil-kamra tat-test, l-uċuħ ta' ġewwa u ta' barra tal-windskrin għandhom jitnaddfu għalkollox miż-żjut permezz ta' spirtu metilizzat jew ta' xi prodott sgrassanti ekwivalenti. Wara li jinxfu, għandha tiġi applikata soluzzjoni ta' ammonijaka ta' massimu ta' 2 % jew soluzzjoni ta' ammonijaka kummerċjali, mingħajr ma jinżiedu fwejjaħ li għandhom effett ta' dipendenza. L-uċuħ għandhom jitħallew jinxfu għal darb'oħra u mbagħad jintmesħu b'ċarruta tal-qoton xotta.";

(c) il-punt 3.1.6.4 jitħassar;

(d) il-punt 3.1.6.5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1.6.5. It-temperatura fil-kamra tat-test għandha titkejjel fil-livell tal-windskrin, f'punt mhux affettwat b'mod sinifikanti mis-sħana tal-vettura ttestjata.";

(e) il-punt 3.2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.1. Qabel ma l-vettura titqiegħed fil-kamra tat-test, l-uċuħ ta' ġewwa u ta' barra tal-windskrin għandhom jitnaddfu għalkollox miż-żjut permezz ta' spirtu metilizzat jew ta' xi prodott sgrassanti ekwivalenti. Wara li jinxfu, għandha tiġi applikata soluzzjoni ta' ammonijaka ta' massimu ta' 2 % jew soluzzjoni ta' ammonijaka kummerċjali, mingħajr ma jinżiedu fwejjaħ li għandhom effett ta' dipendenza. L-uċuħ għandhom jitħallew jinxfu għal darb'oħra u mbagħad jintmesħu b'ċarruta tal-qoton xotta.";

(f) il-punt 3.2.2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.2.1. It-temperatura fil-kamra tat-test għandha titkejjel fil-livell tal-windskrin, f'punt mhux affettwat b'mod sinifikanti mis-sħana tal-vettura ttestjata.";

(g) il-punti 3.2.4 u 3.2.5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3.2.4. Il-wiċċ ta' ġewwa tal-windskrin għandu jitnaddaf kif stabbilit fil-punt 3.2.1 qabel ma l-vettura titqiegħed fil-kompartiment ambjentali. It-temperatura tal-arja ambjentali għandha mbagħad titbaxxa u tiġi stabbilizzata fi -3 ± 1 °C. Il-vettura għandha tintefa u għandha tinżamm fit-temperatura tat-test għal mhux inqas minn 10 sigħat qabel ma jibda t-test. Madankollu, jekk ikun possibbli li jiġi vverifikat jekk il-likwidu għat-tkessiħ u l-lubrikant tal-magna tal-vettura humiex stabbilizzati fit-temperatura tat-test, il-perjodu ta' 10 sigħat jista' jitqassar.

3.2.5. Il-ġeneratur tal-fwar għandu jitqiegħed bl-iżbokki tiegħu fil-pjan longitudinali medjan tal-vettura fit-tieni ringiela tas-seats tal-vettura. Normalment għandu jitqiegħed wara s-seats ta' quddiem. Meta d-disinn tal-vettura jipprekludi dan, il-ġeneratur għandu jitqiegħed quddiem il-parti fejn iserraħ id-dahar, fil-pożizzjoni konvenjenti li toqrob l-aktar lejn dik imsemmija hawn fuq.";

(h) il-punt 3.2.7.4 jitħassar;

(5) fl-Anness VII, il-Parti 2, jiddaħħlu l-punti 1.3 u 1.3.1 li ġejjin:

"1.3. Kapaċità tal-irmonk

1.3.1. Sabiex ikun possibbli li vettura bil-mutur li tħalliet abbandunata titneħħa mit-triq fuq ir-roti tagħha stess, għandu jkun possibbli li l-vettura tiġi rmunkata jew titqiegħed f'modalità tal-irmonk, biċ-ċavetta tal-vettura preżenti u mingħajr l-użu ta' għodod speċjali jew żarmar ta' partijiet, li mhumiex iddisinjati għal dak l-għan, skont il-proċedura indikata mill-manifattur fl-istruzzjonijiet għall-utenti tal-vettura bil-mutur. Il-manifattur jista' jirrestrinġi l-kundizzjonijiet tal-irmonk fl-istruzzjonijiet għall-utenti f'termini ta' veloċità waqt l-irmonk u d-distanza biex tiġi evitata ħsara irriversibbli, madankollu dan għandu jippermetti distanza minima tal-irmonk ta' 100 m f'inqas minn 10 minuti.

Fil-każ tal-vetturi bil-mutur tal-kategorija M_1 jew N_1, li r-roti tagħhom jinstaqu direttament bil-muturi elettriċi, il-manifattur għandu jipprovdi struzzjonijiet fil-manwal għall-utenti tal-vettura biex is-servizzi tal-assistenza fil-ġenb tat-triq ikunu jistgħu jneħħu l-vettura b'għodod speċjali jekk ir-roti tal-vettura ma jkunux jistgħu jduru waqt l-irmonk.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax meta l-vettura bil-mutur issirilha l-ħsara sal-punt li l-irmonk fuq ir-roti tagħha stess ma jkunx fiżikament possibbli jew ma jkunx sikur, jew meta minħabba difett tekniku, l-iswiċċ tal-kontroll prinċipali tal-vettura ma jkunx jista' jinxtegħel.";

(6) fl-Anness XIII, il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) fit-Taqsima B, jiddaħħlu l-punti 6, 6.1 u 6.2 li ġejjin:

"6. Massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija:

6.1. Fil-każ tal-vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N_1, il-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija għandha tiġi stabbilita abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur. Il-korrettezza tal-informazzjoni ddikjarata għandha tiġi vverifikata mis-Servizz Tekniku, għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip.

6.2. Fil-każ imsemmi fil-punt 6.1, il-manifattur għandu jindika s-simbolu addizzjonali li ġej kif ukoll il-valur tal-massa tas-sistema tal-ħżin taħt jew maġenb l-iskrizzjonijiet obbligatorji fuq il-pjanċa statutorja tal-manifattur, 'il barra mir-rettangolu mmarkat b'mod ċar li fih għandha tidher biss l-informazzjoni obbligatorja.

'KONFORMI MAL-ARTIKOLU 2(1)(b) (UE) 2019/631 – XXXX KG'

L-għoli tal-karattri tas-simbolu u tal-valur iddikjarat ma għandux ikun anqas minn 4 mm.

Barra minn hekk, sakemm tiġi introdotta entrata apposta fiċ-Ċertifikat tal-Konformità, il-valur tal-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija għandu jiġi ddikjarat bħala parti mir-'rimarki' fiċ-Ċertifikat tal-Konformità, sabiex tkun permessa l-inklużjoni ta' din l-informazzjoni fid-dokumenti tar-reġistrazzjoni abbord il-vettura, kif ġej:

'Massa addizzjonali minħabba l-batteriji: …… kg' (*)

(*) Fil-każ tal-vetturi ibridi b'ċellola tal-fjuwil (FCHV) jew tal-vetturi bil-mutur elettriku pur, għandu jiġi ddikjarat il-valur addizzjonali tal-massa. Dan il-valur jinkiseb billi titnaqqas il-massa tat-tank tal-fjuwil ta' referenza (90 % mimli) mill-massa totali tal-pakkett(i) tal-batteriji b'vultaġġ għoli. Il-valur għandu jiġi arrotondat għal kilogrammi sħaħ, mingħajr deċimali. Fil-każ tal-vetturi bil-mutur adattati għat-tpartit tal-batteriji, għandha tiġi ddikjarata l-massa waqt il-produzzjoni tal-vettura bil-mutur. Jekk fil-produzzjoni ma jkun hemm l-ebda vettura ta' referenza b'magna tal-kombustjoni interna, din l-entrata ma tkunx applikabbli.";

(b) fit-Taqsima D, il-punti 2.1.4.1 u 2.1.4.2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2.1.4.1. Il-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija tal-fjuwil alternattiv jew b'emissjonijiet żero f'konformità mal-punt 2.3 tal-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE u, għall-fini tal-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija tal-vetturi b'emissjonijiet żero, għandhom jiġu definiti abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur. Il-korrettezza tal-informazzjoni ddikjarata għandha tiġi vverifikata mis-Servizz Tekniku, għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip.

2.1.4.2. Il-manifattur għandu jindika s-simbolu addizzjonali li ġej kif ukoll il-valur tal-piż addizzjonali, fil-każ tal-vetturi bil-mutur li jaħdmu bi fjuwil alternattiv, jew il-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija, fil-każ tal-vetturi bil-mutur b'emissjonijiet żero, taħt jew maġenb l-iskrizzjonijiet obbligatorji fuq il-pjanċa statutorja tal-manifattur, 'il barra mir-rettangolu mmarkat b'mod ċar li fih għandha tidher biss l-informazzjoni obbligatorja.

'KONFORMI MAL-ARTIKOLU 10B 96/53/KE – XXXX KG'

'KONFORMI MAL-ARTIKOLU 2(1)(b) (UE) 2019/631 – XXXX KG'

L-għoli tal-karattri tas-simbolu u tal-valur iddikjarat ma għandux ikun anqas minn 4 mm.

Barra minn hekk, sakemm tiġi introdotta entrata apposta fiċ-Ċertifikat tl-Konformità, il-valur tal-piż addizzjonali jew tal-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija għandu jiġi ddikjarat bħala parti mir-'rimarki' fiċ-Ċertifikat tal-Konformità, sabiex tkun permessa l-inklużjoni ta' din l-informazzjoni fid-dokumenti tar-reġistrazzjoni abbord il-vettura, kif ġej:

'Massa addizzjonali minħabba l-batteriji: …… kg' (*)

_____

(*) Fil-każ tal-vetturi ibridi b'ċellola tal-fjuwil (FCHV) jew tal-vetturi bil-mutur elettriku pur, għandu jiġi ddikjarat il-valur addizzjonali għall-massa. Dan il-valur jinkiseb billi titnaqqas il-massa tat-tank tal-fjuwil ta' referenza (90 % mimli) mill-massa totali tal-pakkett(i) ta' batteriji b'vultaġġ għoli. Il-valur għandu jiġi arrotondat għal kilogrammi sħaħ, mingħajr deċimali. Fil-każ tal-vetturi bil-mutur adattati għat-tpartit tal-batteriji, għandha tiġi ddikjarata l-massa waqt il-produzzjoni tal-vettura bil-mutur. Jekk fil-produzzjoni ma jkun hemm l-ebda vettura ta' referenza b'magna tal-kombustjoni interna, din l-entrata ma tkunx applikabbli.".

ANNESS II

L-Annessi II, VIII, XIII u XIV huma kkoreġuti kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-Parti 2, it-Taqsima C, il-punt 1.4, ir-ringiela għaċ-ċifra tal-kontroll 7 fit-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"7	7/11	0,636";

(2) fl-Anness VIII, il-Parti 2, il-punt 1.9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.9. *'fus ritrattibbli'* tfisser fus kif iddefinit fil-punt 1.34 tat-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness XIII.;";

(3) l-Anness XIII huwa kkoreġut kif ġej:

(a) il-Parti 2 hija kkoreġuta kif ġej:

(i) fit-Taqsima A, il-punt 1.32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.32. *"sporġenza ta' wara"* tfisser id-distanza bejn il-punt inizjali u l-punt estrem proprja milħuq mill-parti ta' wara ta' vettura waqt l-immanuvrar fil-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima C, il-punt 8 jew fit-Taqsima D, il-punt 7;";

(ii) fit-Taqsima B, il-punt 1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3. L-apparati u t-tagħmir imsemmija fit-Taqsima F ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tat-tul, tal-wisa' u tal-għoli.";

(iii) fit-Taqsima C, il-punti 1.3 u 1.3.1 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1.3. L-apparati u t-tagħmir imsemmija fit-Taqsima F ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tat-tul, tal-wisa' u tal-għoli.

1.3.1. Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-apparati ajrudinamiċi msemmija fit-Taqsima F.";

(iv) fit-Taqsima D, il-punt 3.1, tiżdied il-formula li ġejja:

"MC ≤ M + TM";

(v) it-Taqsima D, il-punt 1.4.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.4.1. Meta l-fascia ta' quddiem ta' fejn tinsab il-kabina tal-vettura bil-mutur, inkluż il-projezzjonijiet esterni kollha pereżempju tax-xażi, tal-bumper, tal-parafangi u tar-roti, tkun konformi bis-sħiħ mal-parametri tal-involukru tridimensjonali kif stabbilit fit-Taqsima J u t-tul taż-żona tat-tagħbija ma jkunx aktar minn 10,5 m, il-vettura tista' tkun itwal mit-tul massimu awtorizzat stipulat fil-punt 1.1.1.";

(vi) fit-Taqsima F, it-Tabella I, Tul tal-Vettura, ir-ringiela għall-entrata 13 hija sostitwita b'dan li ġej:

"13.	Mezzi sabiex iżommu t-tarpolin f'postu u l-protezzjoni tagħhom	—	—	—	x	x	x	x	x	x	x";

(b) fil-Parti 3, it-Taqsima A, il-punt 1.1. fl-Addendum tat-Taqsima II taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1. Il-vettura ngħatat approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 6(3) jew (4) tar-Regolament (UE) 2021/535 (jiġifieri d-dimensjonijiet ta' barra nett tal-vettura jaqbżu d-dimensjonijiet massimi msemmija fil-punt 1.1. tal-Anness XIII, il-Parti 2, it-Taqsimiet B, C, D jew E): iva/le [7];";

(4) fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsimiet A u B huma sostitwiti b'dan li ġej:

"***Taqsima A***

Dokument ta' informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura fir-rigward tas-sistema tal-idroġenu tagħha

MUDELL

Dokument ta' informazzjoni Nru … dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema tal-idroġenu tagħha.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe tpinġija jew stampa għandha tiġi pprovduta bi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta A4 jew fuq folder b'format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

0.

0.1.

0.2.

0.2.1.

0.3.

0.3.1.

0.4.

0.5.

0.8.

0.9.

3.9.

3.9.1.

3.9.1.1.

3.9.1.2.

3.9.1.3.

3.9.1.11.

3.9.1.11.1.

3.9.1.11.2.

3.9.1.17.

3.9.1.17.1.

3.9.1.17.2.

3.9.2.6.

Nota ta' spjegazzjoni:

Dan id-dokument ta' informazzjoni huwa bbażat fuq il-mudell stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 u għandu jimtela bl-informazzjoni rilevanti fin-numri punti elenkati hawn fuq kif definit f'dak il-mudell.

Taqsima B

Dokument ta' informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-komponenti tal-idroġenu

MUDELL

Dokument ta' informazzjoni Nru … dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-komponent tal-idroġenu.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe tpinġija jew stampa għandha tiġi pprovduta bi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta A4 jew fuq folder b'format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

0.

0.1.

0.2.

0.2.1.

0.5.

0.8.

0.9.

3.9.

3.9.1.

3.9.1.1.

3.9.1.2.

3.9.1.3.

3.9.1.4.

3.9.1.4.1.

3.9.1.4.2.

3.9.1.4.3.

3.9.1.4.4.

3.9.1.4.5.

3.9.1.4.6.

3.9.1.4.7.

3.9.1.4.8.

3.9.1.4.9.

3.9.1.4.10.

3.9.1.5.

3.9.1.5.1.

3.9.1.5.2.

3.9.1.5.3.

3.9.1.5.4.

3.9.1.5.5.

3.9.1.5.6.

3.9.1.5.7.

3.9.1.5.8.

3.9.1.5.9.

3.9.1.5.10.

3.9.1.6.

3.9.1.6.1.

3.9.1.6.2.

3.9.1.6.3.

3.9.1.6.4.

3.9.1.6.5.

3.9.1.6.6.

3.9.1.6.7.

3.9.1.6.8.

3.9.1.6.9.

3.9.1.6.10.

3.9.1.6.11.

3.9.1.15.

3.9.1.15.1.

3.9.1.15.2.

3.9.1.15.3.

3.9.1.15.4.

3.9.1.15.5.

3.9.1.15.6.

3.9.1.15.7.

3.9.1.15.8.

3.9.1.15.9.

3.9.1.15.10.

3.9.1.15.11.

Nota ta' spjegazzjoni:

Dan id-dokument ta' informazzjoni huwa bbażat fuq il-mudell stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 u għandu jimtela bl-informazzjoni rilevanti fin-numri punti elenkati hawn fuq kif definit f'dak il-mudell."